# Q O R T I  Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 31 ta' Mejju 2018**

Rikors Guramentat Nru.  102 / 17RGM

Kawza fil-lista:  20

**A B C f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri D E C, F C u G C u dan permezz ta' digriet datat 5 ta' Mejju 2017**
**vs**
**H Amer C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fl-24 ta' Marzu 2012 u nrinn dan iz-zwieg kellhom tlett ulied D E li ghandu sebgha snin, F li ghandha sitt snin u G li ghandha tlett snin;

Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u/jew minhabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;

Illi l-esponenti kienet suggetta ghal vjolenza domestika mill-konvenut;

Illi anke l-ulied minuri kienu suggetti ghas-swat mill-konvenut, tant li fl-istadju tal-Medjazzjoni din l-Onorabbli Qorti wara li rat ir-rapport tal-Avukat tat-Tfal

ordnat li l-access tat-tfal mill-konvenut ghandu jsir taht supervizjoni gewwa l-Agenzija Appogg;

Illi ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni u l-esponent giet debitament awtorizzata biex tipprocedi b'din il-kawza;

Illi ghalhekk qed issir din il-kawza;

Il-fatti hawn dikjarati tafhom ir-rikorrenti personalment;

Ghaldaqstant in vista tal-premessi, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C ghar-ragunijiet premessi imputabili lill-konvenut ta' abbandun, adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kontra l-esponenti u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;

2. Tafdalha l-kura u l-kustodja tal-minuri u tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni dwar access ghall-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghal minuri msemmija u tordna lil konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal wild minuri skont il-Ligi kif ukoll tordna li l-istess manteniment jizdied annwalment sabiex iz-zieda taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja. Tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi u jigu ddepozitati f'kont indikat mir-rikorrenti;

4. Tordna sabiex il-konvenut ihallas l-ispejjez kollha relatati mas-sahha, edukazzjoni u ‘extra-curriculum activities' tal-istess rninuri.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li 1-istess oggetti formati parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhorn jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-konvenut jigi kkunsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi u dan okkorrendo b'opera ta' perit nontinandi sabiex jillikwida l-istess kromunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess;

6. Tapplika kontra zewgha interament jew in parti d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 u Artikolu 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas u jikkonsenja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u l-propjeta' parafernali;

8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

9. Tawtorizza lil esponenti tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe Zarb;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat illi minkejja li gie debitament notifikat bir-rikors guramentat tal-attrici meta deher fl-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2017[1], il-konvenut baqa' ma pprezenta ebda risposta guramentata u lanqas talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat id-digriet taghha moghti waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2018 fejn ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni bejn il-partijiet (Ittra Numru 1819/15).

Rat id-digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2016 fl-istess atti tal-medjazzjoni, li permezz tieghu il-konvenut gie ordnat jara lil uliedu minuri taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg darba fil-gimgha ghal siegha u nofs kull darba;

Rat id-digriet moghti fis-26 ta' Settembru 2016 ukoll fl-atti tal-medjazzjoni (Ittra Numru 1819/15) fejn, b'referenza ghar-rikors tal-attrici tat-2 ta' Marzu 2016, laqghet *inter alia* it-tieni talba u ffissat manteniment ghat-tliet ulied minuri tal-partijiet fl-ammont ta' €500 fix-xahar, laqghet it-tielet u r-raba' talba u ordnat li l-manteniment jibda jithallas b'effett mit-28 ta' Lulju 2016 u li joghla kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja, filwaqt illi laqghet ukoll is-sitt talba u ordnat lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikulari tat-tliet minuri.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Novembru 2016 fejn innominat lil Dr. Marita Tabone bhala Assistant Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda u l-provi kollha;

Rat u kkunsidrat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

[1] Fol. 55.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ghal separazzjoni personali fejn l-attrici qed titlob *inter alia* l-affidament esklussiva tal-kura u kustodja tat-tliet ulied minuri tal-partijiet kif ukoll il-hlas ta' manteniment ghaliha u ghall-minuri. Il-konvenut ma wegibx ghall-kawza u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni ta' l-attrici.

**Provi**

*Verzjoni Attrici*

**L-attrici xehdet permezz ta' Affidavit ipprezentat fl-10 ta' Ottubru 2017**[2], u ddikjarat is-segwenti:-

*"Fl-ewwel xhur konna nohorgu flimkien izda mar-raba' xahar mir-relazzjoni H beda johrog wahdu. Jien ghandi zewgt itfal ohra minn zwieg iehor li kien annullat u lanqas lilhom ma tant bdejt nara ghax ridni ghalih biss. Kien jigi ghalija ghand ornmi biex immur mieghu ghax bu kien jahseb li minflok noqghod mat-tfal kont nohrog wahdi. Fi ftit xhur spiccajt nghix mieghu, jien dejjem gewwa u huwa kien ikun dejjem barra ma' shabu. F'Novembru ta' 2008 hrigt tqila u hemm beda iktar nkwiet. Kien dejjem jghajjarni u kien ukoll ikun iridni nbuslu 1-qiegh ta' saqajh, ghax kien jghid li jekk veru nhobbu rrid naghmilha u jien dejjem kont nobdi ghax kont nibza mmnu. Waqt li kont tqila bit-tifel kien faqaghli ghajnejja. Kienet gietni hamra nar, u biex nahbi lil ommi kont ghidtila li hbattha.*

*Meta twieled it-tifel it-tghajjir u tkissir ma naqasx. Kien jigi dejjem id-dar fis-sakra. Anke t-television kien kisser. Kont nsajjar 1-ikel u hu kien jarmih jew iwaddbu mal-art, mal-purtieri jew mal-hajt biex jien ikolli nerga nnaddaf.*

*L-isem tat-tifel hu ghazlu - Abdu E. Jien xtaqt insemmih Sam. Naturalment ghaddiet ta' H ghax kif kien jghid hu, huwa kien ir-ragel u jsir dak li jghid hu. Kif it-tifel kellu xi hames xhur, ergajt hrigt tqila. Il-glied dejjem jizdied, anka biex ikolli x'naqsam mieghu, jekk kont inkun ghajjiena hu kien jghidli trid toqghod ghal li nghidlek ghax int il-mara tieghi. Ma kellix alternattiva ohra, kien ikolli naghrnel dak li jikkmandani h u. Kwazi kien dejjem ikun fis-sakra u anke beda jiehu d-drogi. Meta sar jaf li kien ha jkollna tifla tghidx x'ghamel daqs kemrn hadha bi kbira ghax hu ried tifel iehor.*

[2] Fol. 46 *et seq.*

*Hmistax il-gurnata qabel ma kelli t-tifla ma flahtx aktar ghal dan l-abbuz kollu u kont mort go home il-Belt - Dar Theresa Spinelli. Wellidt it-tifla fit-20 u bqajt nghix f'Dar Theresa Spinelli. Kif kellha xahrejn it-tifla jien ergajt mort nghix mieghu San Pawl il-Bahar ghax kien qalli li nbidel u li qed jirnissjani, u jien emrnintu. Izda fil-verita kien gie aghar milli kien; it-tghajjir, tkissir, vjolenza u swat fuqi ma waqfux. B'hekk ergajt mort il-home (Dar Theresa Spinelli) u bqajt sejra hekk xi sena, gejja u sejra - ghax qatt ma nbidel. Meta kien gie l-ahhar darba l-home kien qalli li l-problema kienet ix-xorb, drogi u l-hbieb, u kien weghdni li kien ha jaqta' kollox u jieqaf ghax beda jimissjani u ried jizzewigni u jien accettajt ghax emmintu.*

*Izzewwigna fMarzu ta' 2012 u kif izzewigna, dakinhar stess, qbadtu jiehu d-drogi. Jien kont izzewigt kontra qalbi, ghax bdejt ninduna li 1-kliem kienu differenti mill-fatti ghax sa dik il-gurnata stess konna ghadna bil-glied. Il-vjolenza qatt ma waqfet u lili u t-tfal dejjem kien ihallina gewwa. Kien beda jerfa' idejh fuq it-tifel, 1-iktar bic-cintorin. Jien ma stajt naghmel xejn ghax qabel ma kien jibda jsawtu kien isakkru fil-kamra tas-sodda biex zgur ma nkunx nista' nwaqfu jew nghin lit-tifel.*

*H kwazi qatt ma hadem ghax iktar wieqaf milli jahdem, imma xorta kien ikun dejjem barra. Kien jaghmel xi xoghol fuq il-bahar. Kien idum xi 3 ijiem u kien jghid li ha jmur igib xi zejt mil-Libya. Kien jghidli li kollox kif suppost u jien kont nemmnu. Ma kellix ghazla ohra hlief nemmen li jghidli hu ghax ma kien ihallini naghmilha ma' hadd, dejjern gewwa wahdi bit-tfal. Wara ftit li kien jaghmel dan ix-xoghol kien dejjem ikollu hafna cash f' idejh. Kien jixtri hwejjeg tad-ditta (Diesel etc), kien xtara karozza lussuza BMW u dejjem johrog u jberbaq il-flus. Lili qatt ma taghni flus f'idejja hlief xi €20 biex ikolli biex nixtri hobz u halib ghal kuljum. Qatt ma mort nixtri hwejjeg ghalija jew naghmel xaghri.*
*Is-swat fuqi u fuq it-tfal ma naqas qatt u kien iwaddab 1-affarijiet biex jien ikolli nerga nnaddaf warajh. Kien jghidli "Jien ir-ragel! Hawn gew jew kif nghid jien isir jew itlaq!"*

*Fl-2011 kienet hargitli 1-gebla u kont nkun mugugha hafna. Sa fl-ahhar ghamilt l-operazzjoni u nehhewli 1-gebla. Il-professur kien qalli biex ma jkollix x'naqsam mar- ragel sesswalment ghal xahar minhabba Ii kelli hafna punti (qishom staples) imma xorta kelli x'naqsam mieghu avolja dak 1-ugigh kollu, ghax li jghid bu jrid isir.*

*Mhux 1-ewwel darba li kien jordnali biex sakemm jghidli hu nibda norqod mat-tfal ghax huwa kien ikun irid jorqod fis-sodda taghna wahdu. Pero jekk wara li kien jidhol minn barra jkun x'hin ikun, kien ikun irid li jkollu*

*x'jaqsam sesswalment mieghi, kien jghajjatli biex ikollna x'naqsmu sesswalment (anke jekk jiena kont inkun diga rieqda jew ma kontx inkun nixtieq li jkollna x'naqsmu sesswalment), imbaghad kien jordnali noqghod inbuslu l-qiegh ta' siequ u wara kien jerga' jibghatni fil-kamra tat-tfal.*
*Fit-2013 ergajt hrigt tqila. Kont nkun ghajjiena hafna. Kienu wkoll harguli 1-morliti u minflok jghini kien jghajjarni bihom u jghidli "Jaq tat-tqalliegh, ahjar barra ghax nara nisa isbah minnek wicc ta· xadina bhalek!"*

*Jien u t-tfal kollox konna naghmlu kif jghid u hu xejn ma kien jghidli la fejn imur u lanqas ma min kien ikun. Jien u t-tfal konna nkunu dejjem bezana. Lit-tifel kien jghallmu biex jekk tfal ohra jaghmlulu xi haga kellu jsawwathom. It-tifel beda jkollu hafna rabja go fih, sahansitra anka lil hutu kien spicca jsawwat.*

*Darba kont bilqeghda fuq is-sufan biz-zghira (G) li kellha xi 4 xhur u z-zewg t' itfal 1-ohra kienu bilqeghda hdejja. Kif gie minn barra, appena ghalaq il-bieb beda jiggieled u jghajjat mieghi. F'daqqa wahda waddabli pakkett juice mill-kbar mimli (fih xi 1.5 litres) ghal wicci. It-tfal tghidx kemm bezaw ghax jien bdejt nibki u nghajjat bl-ugigh. Il-hajt u t-tifla z- zghira lki kienet fuqi dak il-hin mtlew bil-juice ghax mad-daqqa li ha ma' wicci kien infaqa'.*

*Kien ipejjep 1-ismoke quddiemi u quddiem it-tfal. Meta gbidtlu 1-attenzjoni li ma kienx qed jaghmel sewwa Ii kien qed ipejjep 1-ismoke quddiem uliedu, infexx f'rabja kbira u qalli li huwa r-ragel u jaghmel li jrid hu.*

*Fi zmien ir-ramadan tghidx kemm kont nsajjarlu ikel. Kont naghmel xi sitt sieghet tisjir u niehu hsieb it-tfal fl-istess hin. Jekk it-tfal imqar kienu jghidulu li jridu jixorbu kien jghidilhom biex jigu jghidu lili. Kemm il-darba sajjart ghal xejn ghax ma kienx jiekol jew ghax kien johrog jixrob (allavolja kien ikun zmien ir-ramadan) jew ikun irrabjat u jwaddab l-ikel mal-art u wara jinfexx mieghi.*

*It-tfal kienu dejjem bezana ghax kemm il-darba kien issabbatni mal-fridge jew mal-hajt ghal xejn b'xejn. Ma stajt nohrog imkien, lanqas s'ghand ornmi ma kien ihallini mmur (li kienet toqghod 10 minuti 'l boghod bil-mixi). Ommi kien ikollha tigi tara lili u lit-tfal hi stess. Darba mort ghand ohti nghina ghax kienet ma tiflahx u kellha bzonn l-ghajnuna. Hi kienet inzertat marret ghand it-tabib u ghal ftit minuti fid-dar taghha konnha jien u r- ragel taghha. Kif gie ghalija u induna li ghal ftit minuti kont wahdi mar-ragel ta' ohti tghidx kemm ghajjarni,*

*Fl-2015 (waqt ir-ramadan) gie missieru ghandna bil-mara tieghu u b'hutu z-zghar. Missieru kien gej filghaxija u hu kien hamel gurnata barra jixrob. Suppost kellu jehodna bbq lili u lit-tfal u jien kont lestejt kollox, u t-tfal kienu lesti*

*u herqanin li hergin. Kif gie kellu riha ta' xorb qawwija fuqu, intefa' fuq is-sufan u raqad. Wara xi hames sieghat qajjimtu ghax kien gej missieru minn barra. F'dak il-mument qabadni minn ghonqi u beda jifgani. Jien dakinhar bzajt li kien se joqtolni ghax x'hin telaqni lanqas nifs ma kont qieghda niehu. Minn dakinhar bdejt nibza iktar minnu ghax bdejt nghid li t-tfal mhux ha jgawdu lil ommhom. Darba rninnhom anke missieru refa idejh fuq it-tifel u anke bic-cintorin. It-tifel ra u espejenza hafna swat. It-tifla F rat ukoll ghax sena biss hemm bejniethom.*

*Jiena kont mort l-Appogg nkellimhom fis-sajf ta' 2015 u huma qaluli li ma kontx safe mieghu, imma bdejt nibza minnu biex nitlaq. Imma iktar ma jghaddi z-zmien iktar il- haga bdiet tiggrava u hu ma kien qed jahdem xejn. Kellhom jixtruli 1-ikel ommi u missieri biex nitma lit-tfal u hrigt nahdem ukoll ghal ftit ta' zmien biss ghax mbaghad bdejt nghejja bejn xoghol, tfal u xoghol tad-dar. Imbaghad beda jeddidni li ghad joqtolni jew ifarrakli wicci biex ma jarfunix in-nies ghax bdejt indejqu quddiem wiccu.*

*Kien f'Dicembru (09/12/2015) li ghamilt il-kuragg. Gie missieri ippakjajt malajr u tlaqt qabel ma gie hu, ghax hu ma kienx id-dar. Kemm ili li ghamilt dan il-pass, jien u t-tfal qed nghixu mill-gdid. Anke 1-karattru taghhom nbidel, saru kuntenti u jafu jidhku. specjalment it-tifel. Kien inghalaq fih innifsu u lanqas ried jaghmilha ma· tfal ohra. Minhabba l-esperjenzi koroh hafna li ghadda minnhom it-tifel, kelli ndahhlu CYPS ghax kien sar inkontrollabli. Kienu tawh xi pinnola ghax kellu rabja kbira u zammewh ftit hemm (xi 3 ijiem). Issa t-tifel jinsab hafna ahjar.*

*Missierhom ilu ma jara jew imqar jaghmel kuntatt ma'·wliedu sa minn Dicembru 2015. Skont digriet tal-Qorti, wara li 1-Qorti rat ir-rapport li ghamlet l-Avukat tat-tfal huwa ghandu d-dritt Ii jara lill-uliedu gewwa 1-Agenzija Appogg taht supervizjoni darba fil- gimgha ghal siegha u nofs. Nikkonferma Ii l-Agenzija Appogg ghamlu kuntatt kemm mieghi u anke ma' H sabiex jibda jsir l-access izda huwa infurmahom li ma jridx jara lil uliedu taht supervizjoni u gewwa l-Agcnzija Appogg u ghaldaqstant l-access qatt ma sar.*

*Jiena nixtieq li 1-Qorti tafdali 1-kura u 1-kustodja ta' wliedi f idi u nixtieq li nkun nista niehu d-decisjoni kollha ta' wliedi wahdi. Dan minhabba l-fatt li missierhom ma jridx ikun involut f'hajjithom u kull meta jkolli bzonn il-firma tieghu se jkolli noqghod nipprezenta r-rikorsi l-qorti kif diga kelli naghmel diversi drabi. Ikun hemm decisjonijiet ta' natura urgenti u Ii jkunu jridu jittiehdu b'mod immedjat.*

*F'kaz li l-Qorti taghti dritt t'access lil H ghal uliedu, 1-istess access nixtieq li jkun taht supervizzjoni u gewwa 1-Agenzija Appogg.*

*Sa fejn naf jien la hemm assi parafernali x'jinqasmu u lanqas hemm assi li jippartjenu lil kornunjoni tal-akkwisti. Ahna konnha nghixu f'post bil-kera. L-uniku kont bankarju li ghandi f'isrni buwa kont tal-HSBC bin-numru 064110893050, li fih H jiddepozita €500 fix-xahar manteniment ghal uliedu.*

*Jiena nixtieq li H jkun ikkundannat li jhallas anke manteniment ghalija personali u dan kemm minhabba l-fatt li huwa hu l-htija ghat-tkissir taz-zwieg, kif ukoll minhabba l-fatt li jien ma nistax nahdem ghaliex it-tfal ghadhom zghar u ghax ghandi problema ta· sabha f' dahri li ma jipperrnettulix nahdem xoghol ta' skarrig. Sfortunatament jiena m'ghandix certifikati u 1-uniku xoghol li nista' naghmel huwa xogbol ta' skarrig. Minhabba l-problemi li ghandi f'dahri jien ma nistax naghmel dan ix-xoghol."*

**Xehdet ukoll omm l-attrici, Emanuela Zarb** quddiem l-Assistent Gudizzjarju[3], fejn spjegat illi ghaxar snin ilu r-relazzjoni bejn il-koppja kienet tajba. Spjegat ukoll kif wara ftit inqas minn sena flimkien, l-attrici harget tqila u beda l-gwaj ghaliex il-konvenut ma kienx ihalliha tmur ghandha, u bintha kienet dejjem gewwa. Skont ix-xhud, il-konvenut lanqas barra ma kien ihalliha tahsel. Darba marret l-attrici ghandha u kellha black eye. Bintha kienet tghid lix-xhud li kienet tlesti l-ikel ghall-konvenut izda hu dejjem barra jixrob u kien jigi u jsabbat l-ikel.

Omm l-attrici xehdet ukoll kif erba' xhur wara l-ewwel tifel, l-attrici regghet harget tqila u baqa' bla rispett u vjolenti fizikament u bil-kliem tant Ii fl-ahhar tat-tqala marret tghix Tereza Spinelli, il-Belt. Wara li twieldet it-tieni wild il-konvenut kien imur jara lill-attrici f'Dar Tereza Spinelli u kien jghidilha Ii nbidel u l-attrici emmnitu u marret tghix mieghu u hawnhekk vjolenza kompliet fuqha u fuq I-ulied. lt-tifel jismu Abdul E imma l-familja tghajjatlu bl-isem Sam. It-tieni tifla jisimha F.

Ix-xhud kompliet tghid illi wara li l-attrici regghet mal-konvenut, huwa gieghla tizzewgu bir-registru. Dan gara sitt snin ilu u l-attrici regghet harget tqila biz-zghira Asia li llum ghandha erba' snin. Iddeskriviet kif mat-tielet wild zdied l-inkwiet u I-vjolenza. Skont ix-xhud, it-tifel il-kbir kien jghidilha li l-konvenut kien iwabbad affarijiet lil ommu, jipprova jifgahha anke meta gieli kienet tkun qieghda tisqi liz-zghira. It-tifel kien jikxef ghaliex l-attrici ma kienet tghid xejn lil ommha. Spjegat ukoll kif l-attrici soffriet hafna kliem ta' tghajjir u insulti.

[3] Seduta tat-30 ta' Jannar 2018, a fol. 62 *et seq*.

Ix-xhud xehdet dwar incident partikolari fejn kienu sejrin il-festa ta' San Pawl il-Bahar flimkien ma’ bintha u l-konvenut u t-tliet itfal taghom. Spjegat kif il-konvenut qaghad iparla ma' kulhadd u bintha ma setghetx tgholli ghajnejha mill-art. Xtraw l-ikel lit-tfal u l-kbir ried iktar u l-attrici marret tixtrilu. Ix-xhud kompliet tispjega illi l-konvenut ma kienx raha sejra tixtri u mar jigri biex isibha u rat lil bintha tibki u l-konvenut jghajjarha "imxi urini ma' min tkellimt u ma' min qieghda", u qala’ glieda shiha. Ix-xhud qalet ukoll li l-attrici qatt ma kien ikollha flus, u fil-fatt kienet tghinnha hi. Tghid ukoll li bintha ma kintix tahdem ghax il-konvenut ma kienx ihalliha.

Mistoqsija dwar l-effett li l-vjolenza tal-konvenut kellha fuq it-tifel il-kbir tal-partijiet, ix-xhud spjegat illi kellha tiehu t-tifel ghand psikjatra ghaliex kien jghid li xeba’ jghix minhabba missieru u kien jghid ukoll li missieru kien sahansitra igieghlhom jieklu felfel bhala kastig jew issawwathom. Ix-xhud tghid li kienet tiehu t-tifel ghand psikjatra kull hmistax. Tissokta tispjega illi llum it-tifel jghix ma’ ommu biss u qieghed trankwil. Fil-prezent, tiehdu ghand il-psikjatra kull sitt xhur biss ghax kemm ilu ma jara lil missieru l-konvenut f’dawn l-ahhar sentejn, it-tifel mar ghall-ahjar. Qalet ukoll li taf li l-konvenut gieli sawwat lit-tifel bic-cintorin u darba ghamel hmistax bit-tbengil.

Ikkonfermat ukoll li l-konvenut kien jaghti 500 Euro bhala manteniment izda issa mhux jaghti, filwaqt li spejjez qatt ma taha xejn. Ix-xhud qalet ukoll li hi tghin lil bintha finanzjarjament ghaliex ghandha kera ta' 500 euro fix-xahar. Qalet ukoll li bintha ghandha ugiegh u hemm hafna xoghol li ma tistax taghmel u peress illi m'ghandhiex skola, ma tistax issib xoghol tajjeb ghaliha.

**<u>Htija ghat-tifrik taz-Zwieg</u>**

Permezz tal-proceduri odjerni, l-attrici qed titlob li l-Qorti tiddikjara li ghat-tkissir taz-zwieg jahti unikament il-konvenut minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi minnu fil-konfront taghha, u/jew minhabba li l-hajja mizzewga bejniethom tkissret irrimedjabbilment.

***<u>Adulterju</u>***

Fir-rigward l-addebitu tal-adulterju, l-**Artikolu 38 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi kull parti mizzewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra.

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-attrici taddebita t-tkissir taz-zwieg fost ohrajn ghall-adulterju da parti tal-konvenut, naqset kompletament milli tissostanzja dan l-addebitu. Infatti, fl-Affidavit taghha l-attrici ma ghamlet ebda accenn kwalsiasi ghall-adulterju, u fin-nuqqas assolut ta’ provi fir-rigward, dan l-addebitu ma jirrizulta bl-ebda mod.

***Abbandun***

In materja ta' abbandun bhala wiehed mill-addebiti li jaghti lok ghal-firda, l-Artikolu 41 tal-Kodici Civili, jiddisponi hekk:-

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba".*

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz jirrizulta *ex admissis* mill-attrici illi kienet hi li telqet mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2015, u dan ad insaputa ta' zewgha. Huwa minnu illi mill-provi akwiziti jirrizulta ampjament illi l-attrici kienet altru milli gustifikata li titlaq bit-tfal mid-dar matrimonjali, pero' ma rrizultawx l-estremi tal-abbandun da parti tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 41 fuq citat.

***Eccessi, Mohgrija, Theddid u Offizi Gravi***

In tema generali, dwar l-addebiti skont l-**Artikolu 40 tal-Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti Civili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna v.Anthony Scicluna***, rriteniet illi:-

**"***Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, <u>ma qualunque di tale cause da sola basta</u>, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" –* ***"Elisa Thompson vs Edward Thompson"*** *(Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Huwa sinifikanti li jigi senjalat li tezisti distinzjoni bejn eccessi u sevizzi. Il-**Fadda** jghallem illi:-

*"Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*[4]

[4] Giurisprudenza, Art.150, para. 214.

Il-**Baudry Lacantinerie** jafferma illi:-

*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*[5]

Mill-banda l-oħra:-

*"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano".*[6]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza ***Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1951, gie dikjarat illi:-

*"Huma sevizzji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*

Fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961, ntqal li *"Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".*

Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet ***Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti***, il-Qorti tal-Appell qalet li *"... mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjuġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk <u>in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli</u>. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [**PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898**]."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

Dwar ingurji gravi, jinghad illi:-

---

[5] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

[6] Giurisprudenza, Art.150, para. 241.

*"... l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom"*[7]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa id-diversi episodji deskritti mill-attrici fl-Affidavit taghha dwar l-agir abbuziv tal-konvenut, u dwar il-vjolenza fizika, psikologika u morali li l-istess konvenut wettaq b'mod sistematiku kemm fuq martu kif ukoll fuq ulied minuri tal-partijiet, sew qabel kif ukoll wara z-zwieg. Tinnota wkoll kif il-vjolenza tant lahqet qofol ta' intensita` u regolarita` li, ghalkemm kienu ghadhom mhux mizzewgin civilment, l-attrici telqet lill-konvenut meta kienet tqila bit-tieni wild taghhom u marret tghix gewwa Dar Tereza Spinelli u baqghet hemmhekk anke wara li welldet din it-tarbija. Eventwalment irritornat fid-dar matrimonjali izda regghet fittxet kenn ripetutament gewwa l-imsemmija home minhabba l-abbuz kontinwu tal-konvenut, li ssokta u ggrava anke wara l-partijiet izzewgu fl-2012. Jirrizulta wkoll illi meta finalment l-attrici telqet b'uliedha mid-dar matrimonjali b'mod definittiv f'Dicembru 2015, il-vjolenza domestika waqfet ghal kollox, u kemm l-attrici kif ukoll uliedha hadu r-ruh u bdew jghixu hajja hielsa mill-hakma vjolenti tal-konvenut, anke ghaliex jidher li minn mindu l-attrici telqet mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2015, il-konvenut ma regax ra jew zamm kuntatt ma' uliedu.

Il-Qorti tosserva wkoll li filwaqt li huwa minnu li l-attrici baqghet qatt ma rrapportat dawn l-episodji ta' vjolenza domestika lill-awtoritajiet, f'dan l-aspett il-verzjoni tal-attrici tinsab korroborata pjenament minn ommha, li kkonfermat kif kienet rat tbengil fuq bintha, li l-konvenut kien jiggieled mal-attrici anke fil-prezenza taghha u anke fil-pubbliku u li t-tifel il-kbir kien jirrakkontalha fuq l-kastigi u swat li kien jircievi minghand missieru, inkluz swat bic-cintorin. Omm l-attrici Emanuela Zarb tispjega ulterjorment kif it-tifel tant spicca trawmatizzat bl-agir ta' missieru u l-episodji u ambjent ta' vjolenza u biza' fid-dar matrimonjali, li kellu bzonn kura psikjatrika u kienet hija stess li kienet takkumpanjah ghal dawn is-sessjonijiet.

**Rapport tal-Avukat tat-Tfal**.

Ghalkemm l-attrici naqset ukoll milli tressaq provi oggettivi jew dokumentali in sostenn tal-effetti psikologici li sofra dan it-tifel, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhiex taghti affidabbilita` lill-verzjoni tal-attrici u ommha, anke in vista tad-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2016 fejn, wara li rat ir-rapport tal-

[7] ***Marthese Vella pro et noe vs. George Vella*** – Prim'Awla, deciza 28 ta' Frar 2003.

Avukat tat-Tfal, ordnat li l-access tal-konvenut ghal uliedu ghandu jigi ezercitat taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-verzjoni tal-attrici, f'certu aspetti korroborata mix-xhieda ta' ommha, fejn iddeskriviet il-hakma assoluta tal-konvenut fuq hajjitha tant illi bilkemm kien ihalliha tohrog wahedha, lanqas biex tmur ghand ommha, oltre li kien igieghlha tbuslu saqajh bhala sinjal ta' sokkombenza totali fost komportament iehor daqstant kontrollanti u xejn rispettuz fil-konfront taghha. Jirrizulta inkontradett ukoll mix-xhieda tal-attrici li hija kienet vittma ta' insulti, tmaqdir u tghajjir ripetut da parti tal-konvenut, kif ukoll ta' theddid dwar atti vjolenti fuq il-persuna taghha.

L-agir tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedu fuq medda twila ta' snin jikwalifika bhala vjolenza sew fizika sew psikologika, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi fit-termini tal-ligi. Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet jahti unikament il-konvenut..

Billi t-talba biex il-htija ghall-firda ninhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, saret b'mod alternattiv, il-Qorti tqis li m'hemmx htiega, in vista tal-prova tal-htija tal-konvenut fuq addebiti ohrajn, li tezamina dan l-aspett tal-firda.

**<u>Applikazzjoni tas-Sanzjonijiet Kontemplati mill-Artikolu 48</u>**

Fic-cirkostanzi ta' eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li gew identifikati fl-agir tal-konvenut versu martu l-attrici, u b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 51 tal-Kodici Civili, il-Qorti sejra tapplika s-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-Artikolu 48(1) fil-konfront tal-istess konvenut u ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(1)(c), qed jigi deciz li l-konvenut iddekada mid-dritt tieghu ghall-akkwisti li jkunu saru iktar bil-hidma ta' l-attrici, mill-1 ta' Jannar 2014 cioe` wara t-twelid tal-izghar fost ulied il-partijiet.

**<u>Kura u Kustodja tal-Minuri</u>**

L-**Artikolu 56 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta intitolat "*Hsieb tal-Ulied wara il-Firda*" jipprovdi illi:-

*(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-Qorti ghandha tordna wkoll lil liema wahda mill-partijiet ghandha tigi fdata il-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-gid tal-ulied.*
*(2) Il-Qorti tista', jekk tqis li dawk il-mizuri jkunu tassew mehtiega, u wara li tqis ic-cirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqieghdu taht il-kustodja ta' persuna in loco parentis ta' terzi jew f'xorta ohra ta' kura.*

*(3) Il-Qorti tista' taghti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, ghalkemm fl-azzjoni ghaliha ma tkun saret l-ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-Qorti tista', f'kull zmien, tirrevoka jew tbiddel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-Qorti tista' barra dan, meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tistabbilixxi li xi hadd mill-genituri jew it-tnejn ikunu michuda mill-jeddijiet tal-awtorita' tal-genituri ghal kollox jew f'parti.*

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet ghandhom tliet itfal minuri, D E, F u G. Skont l-attrici, il-konvenut ilu ma jara lil uliedu kemm ilha li telqet mid-dar matrimonjali f'Dicembru 2015, tant illi ghalkemm inghata dritt ta' access ghal uliedu taht supervizjoni permezz tad-digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2016, l-istess konvenut irrifjuta li jezercita l-access tieghu taht supervizjoni. Din il-verzjoni tinsab konfortata min-Nota pprezentata mill-Agenzija Appogg fis-6 ta' Lulju 2016, fejn gie kkonfermat illi l-access mhux qed jinzamm ghaliex konvenut avza lill-haddiema socjali li ma jridx jara lil uliedu taht supervizjoni.

Il-Qorti tosserva wkoll illi ma jirrizultax li l-konvenut ha xi passi legali biex ivarja l-access ghal uliedu, u billi ma ngabu ebda provi biex jintwera illi fil-mori tal-kawza l-konvenut beda jezercita access ghall-minuri, il-Qorti taghraf li l-kuntatt bejn il-konvenut u wliedu ilu nieqes kompletament ghal iktar minn sentejn. Il-minuri lkoll baqghu jghixu flimkien ma' ommhom l-attrici u ma jidhrix li sal-lum is-sitwazzjoni inbidlet.

Jirrizulta wkoll illi llum, il-minuri, hlief ghan-nuqqas assolut tal-prezenza ta' missierhom f'hajjithom, jinsabu f'hajja pjuttost stabbli jghixu ma' ommhom, fejn jidher li jinsabu kuntenti u hemm ukoll l-appogg tan-nanniet materni. L-attrici kif ukoll ommha jiddeskrivu kif illum it-tfal qed igawdu trankwillita` li qatt ma kellhom qabel, u marru ghall-ahjar b'mod generali wara li ma baqghux jghixu ma' missierhom fid-dar matrimonjali.

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Francienne Fenech vs Alexander sive Sandro Fenech*** deciza fid-29 ta' April 2016 fejn il-Qorti ta' l-Appell iccitat b'approvazzjoni dak riportat fis-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-kawza fl-ismijiet ***Scott Schembri vs Dorianne Polidano***[8], fejn il-pozizzjoni legali korretta u stabbilita fil-gurisprudenza f'kazijiet ta' determinazzjoni ta' kura u kustodja tal-minuri u modalita' ta' access favur il-minuri giet deskritta bil-mod segwenti:-

[8] Deciza fit-30 ta' April 2015.

"*In tema legali issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet Miriam Cauchi vs Francis Gauci fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat illi fejn il-genituri ma jitkellmux talba ghall-kustodja kongunta ghandha tigi skartata mill-Qorti. Din il-Qorti filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghalhiex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri.*"

Jirrizulta ampjament mill-provi imressqa illi l-partijiet ma ghandhom ebda rapport u komunikazzjoni bejniethom, lanqas rigward il-minuri, hlief ghad-depozitu mensili tal-manteniment mill-konvenut fil-kont bankarju tal-attrici. Ghalhekk, fic-cirkostanzi jirrizulta lill-Qorti manifestament illi ma hux fl-interess tal-minuri li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata liz-zewg genituri konguntivament. Il-konvenut kjarament mhux kapaci u mhux interessat li jkun involut f'hajjet uliedu jew li jkollu rapport maghhom, wisq inqas li jkun fdat b'xi responsabbilita` ghall-kura taghhom wara li evidentement abbuza mid-drittijiet paterni tieghu, kif ukoll finalment abdika b'mod assolut mid-dmirijiet tieghu ta' genitur.

Fermi l-kunsiderazzjonijiet maghmula u wara li hadet qies tal-agir abbuziv tal-konvenut versu uliedu, u l-effetti psikologici li jidher li dan halla fuq talanqas wiehed mill-minuri, il-Qorti qieghda thassar id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2016 u tordna illi l-konvenut ma ghandux fic-cirkostanzi prezenti jinghata access ghal uliedu minuri.

Il-Qorti m'hijiex qieghda tipprekludi b'daqshekk u b'mod permanenti kull kuntatt bejn il-missier u wliedu, izda qed tordna li ma jista' jsehh ebda kuntatt sakemm il-konvenut ma jurix talanqas rieda serja u genwina li jerga' jistabbilixxi kuntatt ma' uliedu, u jattendi wkoll ghal laqghat professjonali ta' terapija. Il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz it-terapija hija essenzjali sabiex il-konvenut jifhem li ghandu rwol ta' missier li ghandu jkun responsabbli u juri rispett lejn uliedu, u hija wkoll l-uniku mod kif jista' jigi stabbilit kuntatt u relazzjoni sana bejn il-konvenut u wliedu minuri wara li din giet imhassra bil-vjolenza u agir abbuziv tieghu stess. F'kull kaz, kwalsiasi access ma jistax jibda jigi ezercitat hlief taht supervizjoni.

F'dawn ic-cirkostanzi ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lill-attrici u illi l-minuri jibqghu joqghodu bhala residenza principali taghhom, ma' l-attrici. Fic-cirkostanzi, hija wkoll il-fehma tal-Qorti li jezistu, talanqas f'dan l-istadju, l-estremi sabiex il-missier jigi eskluz ukoll mid-decizjonijiet fil-konfront ta' uliedu li jirrigwardaw l-edukazzjoni kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar is-sahha tal-minuri, izda mhux ukoll dwar safar.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi filwaqt li l-kura u kustodja tat-tliet ulied minuri tal-partijiet D E, F u G ahwa C tkun esklussivament f'idejn ommhom, l-istess attrici ghandha tiehu wahedha dawk id-decizjonijiet ordinarji u straordinarji rigward l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll decizjonijiet ordinarji dwar sahha tal-minuri, li jinkludu decizjonijiet dwar kura psikjatrika u/jew psikologika li jista' jenhtiegu l-minuri minn zmien ghal zmien. L-attrici qed tinghata d-dritt esklussiv li tapplika wahedha u tirtira l-passaport tal-minuri u li l-istess minuri jsiefru maghha ghall-mawriet ta' vaganza li ma jeccedux gimghatejn minghajr il-htiega tal-kunsens tal-konvenut. Madanakollu, decizjonijiet straordinarji li jirrigwardaw traslok tal-minuri b'mod permanenti jew fit-tul minn Malta ghal pajjiz iehor ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri u fin-nuqqas ta' ftehim jirrikorru ghad-decizzjoni tal- Qorti.

**Manteniment ghall-Minuri**

Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien, issir referenza ghall-provvedimenti legali fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin:-

**L-Artikolu 3B** jipprovdi hekk:-

***3B.*** *(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità,kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

**L-Artikolu 54** jipprovdi hekk:-

***54.*** *(1) Il-parti li kontra tagħha tinqata' l-firda mhix meħlusa, minħabba dik il-firda, mill-obbligu tal-manteniment tal-parti l-oħra, meta dan il-manteniment ikollu jinghata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-titolu I ta' dan it-Titolu.*

*(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'kas ta' firda, jigi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-*

*mizzewgin, il-hila taghhom li jahdmu u l-bzonnijiet taghhom, u ghandhom jitqiesu ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mizzewgin u tal-ulied, inkluz dan li gej:*

*(a) il-bzonnijiet tal-ulied, wara li jkunu tqiesu ic-cirkostanzi kollha taghhom;*
*(b) xi dizabilita', kif imfissra fl-Att dwar l-Opportunitajiet Indaqs ghal Persuni b'Dizabilita', kemm jekk hija fizika jew mentali;*

*(c) cirkostanzi ta' mard li tant ikunu serji u gravi li jikkomprometttu l-kapacita' tal-mizzewgin jew ta' l-ulied li jmantnu lilhom infushom;*

*...*

*(e) kull qligh jew beneficcju li l-mizzewgin, jew min minnhom, jircevu skont il-ligi, minbarra kull ghanuna socjali li mhix kontributorja lit kun qed tithallas lilhom taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali;*
*...*
*(f) il-htigijiet ghall-akkomodazzjoni tal-mizzewgin u tal-ulied;*

*(4) Il-Qorti fl-ghoti tal-manteniment tista' tipprovdi ukoll ghall-mod ta' kif dan jista' jawmenta minn zmien ghal zmien.*

Ikkunsidrat;

Illi l-Qrati taghna konsistentement irritenew illi l-quantum tal-manteniment tal-minuri pagabbli mill-genitur li m'ghandux il-kustodja tal-minuri, jigi stabbilit wara apprezzament li l-Qorti trid taghmel tal-fatti migjuba quddiemha fid-dawl tal-provvedimenti legali appena citati.

In segwitu ghad-decizjoni mehuda supra li l-minuri ghandhom jibqghu jirrisjedu ma' ommhom l-attrici, il-Qorti tqis illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment lill-attrici ghal uliedhom minuri. Il-Qorti tosserva li l-attrici naqset milli tressaq provi precizi dwar l-introjtu taghha u dwar l-ispejjez kollha li taghmel koncernanti il-minuri, u lanqas gabet xi prova dwar l-introjtu tal-konvenut.

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li dan in-nuqqas ma jistax u ma ghandux jillibera lill-konvenut mill-obbligu fondamentali tieghu li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu u ghalhekk tqis illi f'kull kaz ghandha tigi likwidata retta alimentari xierqa bhala sehem il-konvenut mill-manteniment ta' uliedu minuri.

Ikkunsidrat;

Illi minn ezami tal-atti tal-medjazzjoni (Ittra Numru 1819/15) li gew allegati mal-atti ta' din il-kawza, il-Qorti tosserva li fin-nota guramentata taghha tat-2 ta' Awwissu 2016, l-attrici kkwantifikat parti min-nefqa li taghmel kull xahar ghall-minuri fis-somma ta' €609 fix-xahar, liema somma, izda, ma tinkludix spejjez ta' utilitajiet fid-dar, telephone, internet, hwejjeg, petrol, edukazzjoni, medicini u attivitajiet tal-minuri. Omm l-attrici Emanuela Zarb xehdet illi hija tghin fil-hlas ta' xi spejjez ghaliex bintha thallas ukoll kera fis-somma ta' €500 fix-xahar.

L-attrici ddikjarat bil-gurament illi l-uniku introjtu li ghandha jikkonsisti f'*children's allowance* u ghajnuna socjali fis-somma komplessiva ta' €518.44 kull erba' gimghat, izda ma gabitx prova dokumentali fir-rigward u lanqas ressqet bhala xhud rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali biex jikkonferma l-ammont minnha percepita in linea ta' beneficcji socjali.

Il-Qorti tosserva illi fl-atti tal-medjazzjoni, il-konvenut iddikjara bil-gurament fir-risposta tieghu[9] ghar-rikors tal-attrici tat-2 ta' Awwissu 2016, illi filwaqt li huwa ghandu spejjez li jlahhqu s-somma ta' €818.60 fix-xahar, jaqbel li jhallas is-somma ta' €400 fix-xahar in linea ta' manteniment ghal uliedu minuri minghajr hlas ta' spejjez ta' edukazzjoni u attivitajiet estra-kurrikulari. Iddikjara wkoll li huwa dizokkupat izda b'danakollu ma jaghmel ebda accenn ghad-dhul tieghu minn ghajnuna socjali. Fl-Affidavit taghha, l-attrici kkonfermat illi l-konvenut ihallas kull xahar is-somma ta' €500 bhala manteniment ghal uliedu skont id-digriet tas-26 ta' Settembru 2016.

Ghalkemm il-konvenut jghid fl-imsemija risposta tieghu li huwa dizokkupat, jidher li xorta wahda jlahhaq komodament ma' spejjez ammontanti fix-xahar ghal xejn inqas minn €1,300, tant illi baqa' qatt ma hass il-htiega li jikkontesta l-ammont tal-manteniment stabbilit fid-digriet *pendente lite*. Mill-provi jirrizulta li l-manteniment mensili kien jithallas regolarment. Ghal dawn ir-ragunijiet, ma jidhirx illi hija tant attendibbli l-verzjoni tal-konvenut illi huwa jghix biss bl-ghajnuna socjali, talanqas fiz-zmien tal-proceduri tal-medjazzjoni bejn il-partijiet. Ma hemm xejn fl-atti li tikkonvinci lill-Qorti li l-konvenut ma jiflahx ikompli jhallas il-manteniment li kien dispost li jhallas u li effettivament gie ordnat li jhallas.

Inoltre, minhabba li ma jidhrix li hemm rapport jew komunikazzjoni bejn iz-zewg genituri, u minhabba li jirrizulta illi l-konvenut ma jhallasx sehmu mill-ispejjez edukattivi u extra-kurrikulari taghhom, il-Qorti hija wkoll tal-fehma li jkun ahjar li tistabbilixxi somma wahda bhala manteniment ghall-minuri li tkun tigbor fiha wkoll il-kontribuzzjoni tal-konvenut ghall-ispejjez kollha ta' edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari u sahha tal-minuri, ghajr ghal spejjez straordinarji

[9]Ipprezentata fit-23 ta' Settembru 2016.

konnessi mas-sahha tal-minuri. Huwa minnu illi ghalkemm l-attrici ddikjarat li oltre dak li tonfoq ghall-bzonnijiet ta’ kuljum, ghandha wkoll spejjez tal-edukazzjoni u attivitajiet tat-tfal, izda ma gabet ebda prova ta’ kemm tonfoq fir-rigward.

Fl-assjem tal-provi kollha, il-Qorti tikkonkludi li fic-cirkostanzi, ikun gust li l-konvenut jigi ordnat ihallas lill-attrici manteniment fis-somma ta’ mitejn u tletin Euro (€230) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi fiha l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni u spejjez ordinarji ta’ sahha u medicina tal-minuri, inkluz ghal kura psikjatrika jew psikologika li l-minuri jistghu jehtiegu minn zmien ghal zmien. Din is-somma ghandha tizdied kull sena fl-anniversarju ta’ din is-sentenza skond iz-zieda fl-indici ta’ l-gholi tal-hajja, u tibqa’ tithallas anke wara li l-minuri jaghlqu 18-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time, u dan sakemm jaghlqu 23 sena u jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligh tal-konvenut mill-impieg jew kwalunkwe beneficcju li jippercepixxi minn zmien ghal zmien. Il-manteniment *pendente lite* sallum jibqa’ jigi regolat bid-digriet tas-26 ta’ Settembru 2016.

**<u>Manteniment ghall-Attrici</u>**

Ghalkemm l-attrici tallega li ma tistax tahdem minhabba ugigh f’daharha, baqghet ma pproduciet ebda certifikat mediku jew prova ohra in sostenn ta’ din l-allegazzjoni taghha. Lanqas hadet hsieb li tressaq prova preciza dwar l-introjtu veru taghha u lanqas dwar dak percepit mill-konvenut. Barra minn hekk jirrizulta li l-attrici, oltre li ghadha zghira u, fin-nuqqas ta’ provi kuntrarji, kapaci ghax-xoghol, tinsab f’qaghda ferm iktar stabbli biex tidhol fid-dinja tax-xoghol illum milli kienet kwazi tliet snin ilu meta, skont il-verzjoni taghha, kienet diga` harget tahdem.

Il-Qorti pero' tifhem id-diffikultajiet li tiltaqa' maghhom l-attrici jekk tohrog fid-dinja tax-xoghol tenut kont l-eta' tat-tlett ulied minuri tal-partijiet fejn l-izghar fosthom ghad ghandu erba' snin. Fl-istess hin il-Qorti thoss illi l-attrici ghandha abbilta' sabiex 'il quddiem issib impieg adattat ghaliha almenu fuq bazi part-time.

Ghaldaqstant qed tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment ghaliha fis-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghal hames snin li gejjien b'effett millum liema manteniment jibqa' invarjat tul il-hames snin li gejjien u li jigi terminat qabel fl-eventwalita' illi tul dawn il-hames snin l-attrici terga tizzewweg u/jew issib impieg *full-time*.

**<u>Komunjoni ta’ l-Akkwisti u Beni Ohrajn</u>**

L-attrici talbet ix-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha l-konvenut. Din it-talba qed tigi milqugha.

Talbet ukoll il-likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti, f’zewg porzjonijiet. Madanakollu, l-attrici tghid li l-partijiet ma ghandhom ebda assi kwalsiasi in komun, la mobbli u lanqas immobbli, u lanqas hemm xi assi parafernali. L-uniku assi li ssemmi huwa kont bankarju intestat f’isimha mal-bank HSBC Bank Malta plc, liema kont ghandu n-numru 064110893050. L-attrici ma tghidx jekk dan il-kont infetahx waqt iz-zwieg jew qabel, u lanqas ressqet prova dwar beni ohrajn li jista’ jkollu l-konvenut f’ismu u jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Fin-nuqqas ta’ provi ulterjuri, il-Qorti tqis li ma tista’ taghti ebda provvediment dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ghajr li tiddikjara li l-kont bankarju fuq imsemmi ghandu jappartjeni lill-attrici wahedha u illi l-konvenut ma ghandu ebda sehem minnu.

**Kunjom**

L-attrici titlob li tkun awtorizzata tirreverti ghal kunjom xbubitha, cioe` Zarb u l-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tilqa’ din it-talba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi t-talbiet attrici billi, fil-kontumacja tal-konvenut:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba vjolenza, eccessi, sevizzi, theddid u ingurji gravi kommessi mill-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici u ta' uliedu;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri D E, F u G ahwa C tigi fdata esklussivament f’idejn ommhom l-attrici, bil-kundizzjonijiet elenkati supra taht l-intestatura “*Kura u Kustodja tal-Minuri”*;

3. Tilqa’ t-tielet talba ta’ l-attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta’ manteniment tat-tlett ulied minuri tal-partijiet D E, F u G, is-somma ta’ mitejn u tletin Euro (€230) fix-xahar ghal kull wild, liema somma tinkludi l-ispejjez kollha ta’ edukazzjoni, spejjez ordinarji tas-sahha tal-minuri u attivitajiet extra-kurrikulari, kollox skond kif ordnat supra taht l-intestatura *“Manteniment tal-Minuri”;* tikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn u hamsin ewro (€250) fix-

xhar bil-kondizzjonijiet stabbiliti supra taht l-intestatura "*Manteniment ghall-Attrici*";

4. Tilqa' r-raba’ talba bil-mod kif deciza t-tielet talba;

5. Tilqa’ parzjalment il-hames talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet skont kif ordnat supra taht l-intestatura *“Komunjoni tal-Akkwisti u Beni Ohrajn”*, u in vista tad-decizjoni dwar is-sitt talba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija tat-talba;

6. Tilqa’ s-sitt talba u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kolllha kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili, tiffissa d-data meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tal-firda bhala l-1 ta’ Jannar 2014;

7. Tichad is-seba’ talba fuq nuqqas ta’ provi;

8. Tilqa’ t-tmien talba;

9. Tilqa’ d-disa’ talba u tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjomha xbubitha, "Zarb".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**